

# Mro. Emmanuele Galea

Conrad D'Amato

**Fl-Okkazzjoni tal-50 Sena mill-Ħatra Tiegħu Bħala Surmast tal-Banda San Pietru u l-25 Sena minn Mewtu.**



Din is-sena hu xieraq li nfakkru personaġġ li rabat ismu b'mod dejjiemi mal-istorja tal-Banda San Pietru. Qed nirreferi għal Emmanele Galea jew kif kien aktar magħruf fost in-nies tar-raħal bħala "Leli ta' Ħamiemu". Propju din is-sena qed infakkru għeluq il-50 sena minn meta ħa l-inkarigu bħala t-tieni surmast direttur tal-Banda San Pietru, kif ukoll 25 sena minn mewtu.

Emmanuele Galea twieled fil-25 ta' Marzu tal-1918, it-tieni wild minn ħdax li minnhom għexu tmienja, tal-koppja Carmelo Galea (1893-1977) u Grace née Gerada (1891-1960). Imrobbi ġewwa l-Furjana, bħall-antenati tiegħu ċ-ċkejken Emmanuele beda l-ewwel kuntatt mal-mużika fl-età ta' madwar għaxar snin, fil-każin tal-Banda Vilhena taħt il-ħarsien ta' Mro. Adeodato Gatt fejn kien jitgħallem il-klarinett. Ftit wara ħuh Toni, li kien sentejn iżgħar minnu, ukoll beda jitgħallem il-mużika taħt l-istess surmast bid-differenza li kien idoqq il-kornu *(French Horn)*. Madwar sena wara, imħajjar min-nannuh Pawlu Galea (1861-1936) huwa beda ukoll jitgħallem il-pjanu. Fil-bidu tat-tletinijiet, l-aħwa Galea komplew flimkien it-tagħlim tal-mużika fil-każin tal-Banda King's Own tal-Belt Valletta, taħt il-kura tas-surmast direttur Mro. Francesco Gobet, li kien magħruf ħafna għad-dixxiplina stretta tiegħu waqt it-tagħlim. Emmanuele baqa' jdoqq bħala bandist ma' din il-Banda għall-kważi għoxrin sena, filwaqt li ħuh baqa' jdoqq sal-bidu tat-tmeninijiet tas-seklu l-ieħor.

Emmanuele kien tagħllem is-sengħa ta' mastrudaxxa pero` kellu mpieg fil-militar. Bejn l-1932 u l-1946 Emmanuel serva bħala klarinettista *fil-King's Own Malta Regiment Band.* Fl-1942 iżżewweġ lil Agnes née Brincat u marru joqgħodu l-Marsa. Ftit wara konna nsibuh assistent surmast tal-każin tal-Banda San Gejtanu l-Ħamrun, fi żmien is-surmast Mro. Joseph Abela Scolaro. Mill-1946 sal-1951 serva bħala klarinettista *fil-Royal Malta Artillery Band,* u fl-istess sena (1946), kien anke beda jistudja l-armonija għand Mro. Carmelo Pace bil-għan li jibda jikkomponi l-marċi. Però sena wara kellu jieqaf minħabba li romol wara ħames snin żwieġ, meta martu Agnes mietet fl-eta' ta' 29 sena. Hawn Emmanuele għadda minn perjodu diffiċli, għax barra li ried ilaħħaq max-xogħol, ried ukoll jieħu ħsieb it-tifel Vincent (li kellu l-ispiżerija li kien hemm taħt is-sede tal-Banda Birżebbuġa) li dak iż-żmien kellu biss erba' snin. Wara sena mill-mewt ta' l-ewwel mara, Emmanuele żżewweġ lil oħtha, Emmanuela neè Brincat li mietet fl-2003. Minn dan it-tieni żwieġ Emmanuele kellu żewġ subien, Carmelo (1949) u Raymond (1950).

Hekk kif reġa` sab sieqų wara l-mument diffiċli li għadda minnu, fil-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, Emmanuele beda jikkomponi l-marċi u maż-żmien bena repertwarju sabiħ. Fl-1956 Emmanuele niżel joqgħod f'Birżebbuġa sabiex ikun qrib il-post tax-xogħol tiegħu f'Kalafrana. Sa dan iż-żmien kien diġa' kiteb diversi marċi, u għalhekk meta sena wara twaqqfet il-Banda San Pietru, dak iż-żmien *St. Peter's Philarmonic Band,* huwa kien ġie avvicinat sabiex ikun l-ewwel assistent surmast tagħha u flimkien mas-surmast il-Profs. Carlo Żammit beda jħarreġ lil diversi żagħżagħ f'din l-ewwel skola mużikali fir-raħal. Irridu nsemmu wkoll li fl-ewwel dehra pubblika tal-Banda San Pietru, nhar il-25 ta' Awissu tal-1957, Emmanuele kien l-uniku bandist tal-post fejn kien daqq bħala solista.

Hekk kif sar midħla tal-każin tal-Banda San Pietru, Emmanuele integra ruħu sew sakemm nistgħu ngħidu li sar parti minn ħajtu sa mewtu. Fl-istorja tal-Banda San Pietru naraw li fl-ewwel snin mit-twaqqif tagħha din is-soċjeta` kienet ġiet amalgamata mal-klabb tal-*Birzebbuga St. Peter's Sports Club* b'kumitat wieħed li kien imexxi dik li kienet il-*"Birzebbuga Sports and Philarmonic club."* Ġara pero' li fil-laqgħa ġenerali li kienet inżammet fil-każin fil-Bajja s-Sabiħa nhar it-22 ta' Frar tal-1964, kien inqala argument dwar il-finanzi tal-Għaqda u għal dan il-għan il-membri qablu li ż-żewġ għaqdiet kellhom jieħdu l-indipendenza minn xulxin u jinħatru żewġ kumitati separati li pero` kellhom jibqgħu joperaw mill-istess każin. Għalhekk nhar is-7 ta' Marzu tal-istess sena kienet inżammet laqgħa ġenerali tal-Banda San Pietru li fiha inħatar kumitat sabiex imexxi l-Banda. F'din il-laqgħa l-membri preżenti għażlu lil Espedito Francalanza bħala president, Ġużeppi Petroni (minn ta' Tira) bħala segretarju u Toni Gauci (minn ta' Beċċuna) bħala kaxxier flimkien ma` ħames membri oħra li kienu Żeppi Cutajar (Ta' Fidiel), Lino Cutajar, Salvu Grech (ta' Sinna), Fredu Mercieca u l-protagonist tagħna Emmanuele Galea. Ġara pero` li fl-ewwel laqgħa tal-kumitat li nżammet erbat ijiem wara, il-president elett Espedito Francalanza ta l-aħbar li hu ma setax jokkupa l-kariga ta' president tas-Soċjeta' minħabba l-istatut tal-Azzjoni Kattolika li tagħha hu kien uffiċjal. Għal din ir-raġuni hu talab skuża u filwaqt li baqa` fil-kumitat, innomina lil Emmanuele Galea sabiex jinħatar president provizorju sakemm issir laqgħa ġenerali oħra. B'hekk Emmanuele leħaq president u dam sakemm fl-1967 it-tmexxija tas-Soċjeta` għaddiet f'idejn il-Kaptan Joseph Caruana.



Nhar it-28 ta' April tal-1965 is-surmast Profs. Carlo Żammit temm il-kariga tiegħu mill-Banda San Pietru. Għalhekk il-kumitat ħatar lil Emmanuele Galea bħala t-tieni surmast direttur tal-Banda San Pietru. Hawn rridu ngħidu li b'sens ta' mħabba u dedikazjoni lejn is-Soċjeta`, hu kien offra s-servizz tiegħu mingħajr ħlas. Emmanuele idderiġa għall-ewwel darba l-Banda San Pietru bħala surmast direttur tagħha waqt il-programm mużikali ta' lejliet il-festa, nhar is-Sibt 31 ta' Lulju tal-1965. Huwa dam jidderiġi l-Banda San Pietru sal-1968 fejn fis-snin ta' wara reġa ħa l-kariga ta' assistent surmast. Irridu nsemmu wkoll li tul dan iż-żmien hu kien jokkupa l-kariga ta' assistent surmast tal-Banda Beland taż-Żejtun fi żmien is-surmast Mro. Hector Dalli.

Ta' interess li nsemmu li fl-1960 Emmanuele ikkompona dak li orriginarjament kellu jkun *"Innu lil San Pietru"* bil-għan li jindaqq bħala innu lil qaddis minflok il-*Marcia Pontificia* (l-innu tal-Papa) ta' Charles Gounod. Fuq dan l-innu hemm storja nteressanti minħabba l-fatt li hekk kif fl-1965 leħaq surmast tal-Banda San Pietru, Emmanuele kien ippreżentah lis-Soċjeta` wara li fl-1962 il-parroċċa żanżnet l-"innu popolari lil San Pietru" miktub minn Mro. Carmelo Pace li l-melodija tiegħu hi tixbieħa ma` dik ta' Galea. *(Għal iktar informazzjoni ara Leħen il-Banda 2012 pg. 86 )*



Waqt laqgħa ġenerali li saret fs-7 ta' Mejju tal-1967 Emmanuele inħatar bħala kaxxier tas-Soċjeta` fejn dam f'din il-kariga sal-1973 meta fil-laqgħa ġenerali li saret nhar

il-21 ta' Ottubru, il-membri reġgħu ħatruh għal darb'oħra bħala president tas-Soċjeta`. Hu dam jokkupa din il-kariga għal 13 -il sena fejn f'Mejju tal-1986 kontra qalbu kellu jirriżenja kemm minn president kif ukoll minn assistent surmast minħabba raġunijiet ta' saħħa. Waqt il-laqgħa ġenerali li nżammet nhar il-25 ta' Jannar tal-1987, il-membri b'akklamazzjoni kbira approvaw lil Emmanuele bħala president onorarju għal għomru b'rikonoxximent lejn il-ħidma twila li wettaq sa mit-twaqqif tas-soċjeta' fl-1957. Tajjeb li nsemmu li iben Emmanuele, Carmelo Galea segwa l-passi ta' missieru fejn fl-1962 ħareġ idoqq bħala bandist ġdid mal-Banda San Pietru u bejn l-1965 u l-1968 kien jokkupa l-kariga ta' segretarju. Barra minnhekk fl-1971 kien ġie maħtur bħala surmast direttur tal-Banda San Pietru, kariga li dam jokkupa sal-1981 meta flimkien mal-familja tiegħu emigra lejn l-Awstralja fejn għadu jgħix sal-lum.



Nhar it-18 ta' Lulju tal-1990 fil-5.30 ta' filgħaxija, Emmanuele għadda għall-ħajja ta' dejjem fl-eta` ta' 72 sena. Kienet telfa kbira għas-Soċjetà li baqgħet rikonnuxxuta lejn il-ħidma li wettaq dan il-bniedem, ħidma li ġiet diskritta mill-president Salvu Fenech: "*Għandna eżempju quddiemna ta' kif għandha tkun il-ħidma ta' membru tal-kumitat, b'dedikazzjoni u ħidma kostanti għall-benefiċċju tas-Soċjetà.* Fil-funzjoni privata li saret nhar is-Sibt 21 ta' Lulju il-kumitat tas-Soċjetà attenda bl-istandard sad-difna tiegħu fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Ta' min jgħid li Emmanuele hu l-iktar persuna li dam jokkupa l-kariga ta' president tas-Soċjeta` fejn qeda dmiru f'dan l-irwol għal 16 -il sena sħaħ. Bħala memorja għal dan il-personaġ, il-kumitat tal-Banda San Pietru iddeċieda li s-sala tal-mużika li kienet għadha kemm inbniet tissema għalih bħala "Sala Mro. Emmanuele Galea." Din is-sala ġiet inawgurata nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu tal-1994 minn ibnu Mro. Carmelo Galea li kien Malta fuq btala, fil-preżenza ta' ommu, l-armla Emmanuela Galea u ġiet imbierka minn Dun Ġużepp Berry.

Il-ġenerazzjonijiet tal-lum (inkluż jien) ma jiftakrux lil Emmanuele għadej b'ħidmietu siekta fil-każin, pero` diversi anzjani li ħadmu miegħu jew li kienu jafuh personalment jistgħu jixhdu dwar il-karateristiċi sbieħ li kienu jżejnu l-personalita` tiegħu. Emmanuele Galea hu eżempju tajjeb kemm għal dawk li llum qed imexxu s-Soċjeta` kif ukoll għaż-żagħżagħ li fil-futur għad ikunu huma fit-tmun tas-Soċjeta`. Ir-rispett reliġjuż, l-imħabba u s-sagrifiċċji lejn il-familja, l-umilta` kbira, in-namur għall-mużika kif ukoll l-impenn li kien juri lejn is-Soċjeta`, bla dubju ta' xejn għaġnuh bħala mudell eżemplari għalina llkol. Jalla li din is-Soċjeta` jkollha iktar mexxeja dedikati sabiex l-istorja li bdiet tinkiteb 58 sena ilu tissokta tiżvolġi għall-futur fit-tul.

**Il-President u l-Kumitat**
**tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen**
**jixtiequ jawguraw il-festa t-tajba lil lill-bandisti, soċi,**
**partitarji u lil poplu ta' Birżebbuġa**